MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' April, 2006

Talba Numru. 982/2004

**Paul Ciappara u Nicolina Ciappara Mula**
**vs**
**Linencare Limited u Jeancare Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Mejju, 2004, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tmenin lira Maltija (Lm680.00) u fejn intqal:**
**Illi fit-28 ta' Mejju, 2003 l-attur ikkonsenja lil Linencare Ltd sitt kutri biex jigu imnaddfa, li huwa kien xtara minghand World Marketing Limited.**
**Meta gie biex jirtirahom, inghatatlu, wara li hallas, ricevuta ghal erbgha u erbghin lira (Lm44.00), bid-data tal-11 ta' Lulju, 2003, rilaxxjata minn Linencare Ltd u Jeancare Limited.**
**Illi bhala konsegwenza tax-xoghol li sar fuqhom, il-kutri inxtorbu u saru aqsar, kemm mill-wisa kif ukoll mit-tul, bejn zewg pulzieri u nofs u erbghatax-il pulzier.**

**Illi l-kutri u l-accessorji taghhom inztraw ghal sitt mija u tmenin lira (Lm680.00).**
**Illi l-kutri, ghalhekk ma baqghux kif kienu, li m'hux suppost gralhom dak li gara, ghalhekk konsegwentement l-atturi sofrew danni.**
**Ghaldaqstant intalab li t-Tribunal jiddikjara li l-atturi sofrew danni minhabba l-agir taghhom, li jigu stabiliti dawn id-danni, u li s-somma stabilita ghandhom ihallsuha, bl-interessi, mis-socjetajiet konvenuti, ammenoche`, minghajr pregudizzju, il-konvenuti ma jiehdux lura l-kutri u l-accessorji, u jhallsu l-prezz taghhom, u bl-interessi.**
**Bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-8 ta' Gunju, 2004 fejn intqal :**
**i. Illi fl-ewwel lok l-atturi ghandhom l-ewwel u qabel xejn jipprovaw li huma proprjetari tal-kutri u jridu jipprovaw ukoll li kkonsenjaw tali kutri lis-socjeta` konvenuta fi stat tajjeb u hielsa minn difetti jew nuqqasijiet fihom.**
**ii. Illi fit-tieni lok is-socjeta` konvenuta ma kkawzat ebda danni u ebda hsara peress li l-process li hi giet inkarigata biex taghmel ghamlitu skond is-sengha u l-arti, taht is-supervizjoni tal-persuni kwalifikati u esegwit minn nies professjonali.**
**iii. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, biex azzjoni ghad-danni tirnexxi, l-atturi mhux biss huma tenuti jipprovaw materjalment li huma sofrew danni, izda jridu jipprovaw wkoll in-ness bejn id-danni minnhom allegatament sofferti u xi nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta.**
**Bl-ispejjes kollha kontra l-atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Paul Ciappara, Nikolina Ciappara Mula, Vincent Apap, Joseph Camilleri, Ronald Cachia u Mariella Azzopardi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. L-atturi qed jitolbu hlas ghal danni li sofrew f'sitt kutri konsenjati ghat-tindif lis-socjeta` konvenuta fit-**

**28 ta' Mejju, 2003. L-atturi jilmentaw li l-kutri nxtorbu kemm mill-wisa kif ukoll mit-tul, u dana b'circa tlettax il-pulzier.**

**2. Is-socjeta` konvenuta qed tghid li l-atturi jridu jippruvaw li huma propjetarji tal-kutri u tali gew konsenjati fi stat tajjeb. Apparti minn dan l-istess socjetajiet konvenuti qed jghidu li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti.**

**3. Jirrizulta li l-atturi kienu xtraw il-kutri minghand is-socjeta` World Marketing Limited, Dok.VA1 sa VA6. Vincent Apap, rappresentant tas-socjeta` World Marketing jghid li dawn nil-kutri kienu 100% merino wool, u jispjega li ghat-tindif taghhom kienet necessarja procedura specjali, fosthom li ma jintuz\ax mishun kif ukoll li ma jintuzawx detergenti qawwijin. Jghid li kellhom kazijiet fejn klijenti haduhom ghad-dry cloeaning u dawn inxtorbu. Jispjega pero` li dawn ghandhom label li tindika li jrid isirilhom dray cleaning, u hemm indikat li huma "pure wool", vide Dok.C. Spjega ukoll li dawn il-kutri ikunu f'bicctejn. Il-kutra ta' that fiha wisgah ta' hames piedi u ghaxar pulzieri u tul ta' tnejn u sebghin pulzier. Il-kutra ta' fuq hija l-istess. Il-kutra tas-single bed hi ta' tmienja u sittin pulzier bi tmienja u tmenin pulzier (Vide Dok.E, F u G).**

**4. L-attur jispjega li l-kutri kienu xtrawhom fl-2001 u ttiehdu ghad-dry cleaning fl-2003, u intuzaw ghax-xitwa tas-sena 2002 u tas-sena 2003. Innota li meta gew lura mid-dry cleaning il-kutri kienu inxtorbu mill-wisgha, Dawn il-kutri kellhom label Dok.VR.**

**5. Joseph Camilleri, drycleaner mas-socjeta` konvenuta jghid li l-kutri jitnaddfu bi process f'magni ghalihom, b'temperatura awtomatika ta' sebghin grad, u jintuza spirtu biss ghat-tindif, u xejn ilma. Qal li jekk jinhaslu bl-ilma s-sufa tingibed, u lilhu ma rrizultalux li dawn ixxarbu. Skond Camilleri dawn il-kutri ghandhom piping u dan baqa' l-istess. Fatt stramb huwa dak li qal Camilleri fis-sens li l-Merino ma jitkejjlux, u dan meta gie mistoqsi kejluhomx. Hu jghid li l-kutri in kwistjoni tnadffu f'magna tat-tip Universal bi programm awtomatiku.**

**6. Ronald Cachia, konsulent fuq dry cleaning, prodott bhala xhud espert ex parte da parti tal-atturi, xehed li kutri Merino huma sensittivi hafna ghas-shana u senisittivi ghall-ilma. Jghid ukoll li l-manufacturer jaghti “allowance” ta’ hamsa fil-mija ghall-“shrinkage”. Cachia meta ra l-kutri qal b’certezza li dawn ma tnaddfux bl-ilma, pero` n-nota li kienu tilfu fil-morbidezza taghhom, u dana seta jkun indikativ ta’ daqxejn shana u forsi mechanical action aktar milli suppost.**

**7. L-istess Cachia irrileva fatt importanti ghall dan il-kaz. Huwa qal li dawn il-kutri kellhom il-marka P f’cirku, li tfisser li d-dry cleaning seta jsir minghajr restrizzjonijiet ta’ xejn. Spjega wkoll li jekk il-marka minflok tkun P f’cirku, l-linja tahta tfisser li d-dry cleaner irid jiehu hsieb jaggusta t-temperatura u l-mechanical action. Pero` huwa jghid ukoll li xorta hemm certi mizuri li jridu jittiehdu fil-process, fosthom li timla l-magna b’hafna spirtu biex tnaqqas il-mechanical action u li t-temperatura tkun ikkontrollata. L-istess Cachia kien tal-fehma li saret il-marka hazina fuq dawn, u dana mill-manufacturer.**

**8. In vista tax-xhieda mismugha, jirrizulta definittivament li l-kutri in kwistjoni inxtorbu, ma jirrizultyax li ntuza ilma, ma jirriizultax li dawn tilfu l-morbidezza kollha taghhom, pero` definitivament kien hemm certu deterjorament. Jirrizulta li dawn il-kutri kienu fdati f’idejn esperti ghat-tindif. Pero` il-fatt li marru ghand il-konvenuti mod u gew minghandhom mod iehor, ma jistghax hlief ifisser li meta kienu f’idejn il-konvenuti, il-process tat-tindif sar hazin, fis-sens li jissuggerixxi Cachia li jew ma tpoggiex bizzejjed spirtu jew kien hemm wisq mechanical action. Dana kien il-kawza li l-kutri spiccaw danneggati, u ghalhekk l-atturi ghandhom jitpoggew fl-istat li kienu qabel ma saru d-danni. Pero it=Tribunal ma jistghax ma jiehux in kunsiderazzjoni il-fatt li dawn il-kutri intuzaw fuq perijodu ta’ sentejn, kif ukoll li ghadhom fil-pussess tal-istess atturi. Ghalhekk qed inaqqas hamsa u ghoxrin fil-mija fuq l-ammont mitlub, u cioe is-somma ta’ mija u sebghin lira (Lm170.00).**

**Ghalhekk l-ammont dovut huwa ta' hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm510.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament kif fuq intqal u jikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hames mija u ghaxar liri Maltin (Lm510.00) bl-imghax legali dekoribbli mill-lum, u bl-ispejjes kontra s-socjetajiet konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------